Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 407 / 2016

Il-Pulizja

( Spettur Victor Aquilina )

Vs

Luke Farrugia

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Luke Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 530087 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli:

1. Talli nhar il-5 ta' Marzu, 2005 ghall-habta ta' 4.30 a.m. gewwa Birkirkara u f' dawn il-gzejjer bil-hsieb biss li jghamel uzu temporanju minnha, saq vettura ta' l-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni ANT 175 kemm jekk immexxija b' forza mekkanika kemm b' mezz iehor ikun li jkun, minghajr ma kellu l-kunsens tas-sid taghha u cioe'

Joseph Farrugia jew awtorita' legittima ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 61 ( 1 ) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli f' Birkirkara fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq vettura tal-ghamla BMW b' numru tar-registrazzjoni ANT 175 ghad-dannu ta' Joseph Farrugia, fuq vettura tal-ghamla Ford Fiesta b' numru tar-registrazzjoni FBO 646 ghad-dannu ta' Marisa Vella u fuq vettura tal-ghamla Peugeot 106 b' numru tar-registrazzjoni UHU 001 ghad-dannu ta' Paul Micallef, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli f' dawn il-gzejjer, fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura b' numru tar-registrazzjoni ANT 175, b' manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli f' dawn il-gzejjer, fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura b' numru tar-registrazzjoni ANT 175 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtorita' dwar it-trasport ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli b' hekk ma kienx kopert b' polza ta' sigurta' dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li f' kaz ta' htija, l-imsemmi persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn 11-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti:

1. iddikjarat illi l-hames imputazzjoni fic-citazzjoni u cioe ksur tal-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta hija perenta;

2. wara li rat l-Artikoli 61 (1) u 15 (1) (a), 15 (2), u 15 (3) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

3. tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, pero wara li rat l-Artikolu 328 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati fir-reat kompriz u involut li kkaguna hsara involontarja, ai termini tal-artikolu citat;

4. ikkundannat l-hati ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula giet sospiza ghal perjodu ta' sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 28 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannatu wkoll ghal hlas ta' multa ta' elf Euro (€ 1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b' rati mensili u konsekuttivi ta' tletin (30) Euro (€30.00), b' dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2016, b' dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

4. Ai termini ta' l-Artikolu 28 (H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda ordnat lill-hati, ihallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, id-danni kagunati lill-partijiet offizi u cioe:

(i) is-somma ta' elf disa' mija u tminn Euro u tmienja u erbghin centezmu (€ 1908.48) – ekwivalenti ghal tminn mija u dsatax-il Lira Maltija (Lm 819.31) - lil Joseph Farrugia;

(ii) is-somma ta' hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€ 5225.55) – ekwivalenti ghal elfejn mitejn u tlieta u erbghin Lira Maltija (Lm 2243.33) - lil Gasan Mamo Insurance Ltd;

(iii) is-somma ta' hames mija u erba' u ghoxrin Euro u hdax-il centezmu (€ 524.11) – ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm 225.00) lil Marisa Vella, u

(iv) is-somma ta' mitejn u sitt Euro u hmistax-il centezmu (€206.15) – ekwivalenti ghal tminja u tmenin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm 88.50) lil Paul Micallef.

Ai termini ta' l-Artikoli 28 A (4) u 28 H (7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f' kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f' kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u / jew jekk jonqos li jhallas lill-partijiet offizi l-ammonti fuq preskritti fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur mill-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Luke Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Awwissu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, tirriforma s-sentenza appellata billi, tikkonfermha in kwantu sabet

lill-appellant mhux hati mit-tieni imputazzjoni u cjoe ta' hsara volontarja, izda sabitu hati ta' hsarat involontmji kif wkoll tikkonfermha fejn sabet li l-hames imputazzjoni bhala perenta, kif wkoll tikkonfermha fil-parti fejn sabet htija u cjoe' fl-ewwel, it-tielet u ir-raba' imputazzjoni, u minflok tvarja l-piena inflitta, u tissostitwixxiha b' piena anqas harxa u iktar idoneja, u li tirrispekkja il-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Aggravji:

Illi primarjament, imputazzjoni ta' l-hekk maghrufa joy riding u cjoe l-art. 61 (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi piena ta' minimu ta' 116.47 ewro sa massimu ta' 232 ewro meta l-imputat ikun l-ewwel darba li wettaq reat simili u mhux recediv.[1]

Jsegwi illi il-kaz sehh f' Marzu 2005 cjoe sentejn qabel ma kien amendat l-artikolu in kwistjoni, liema amendi jgorru multa ferm anqas minn dik moghtija mill-Ewwel Qorti cjoe ta' 1000 ewro! L-appellant qatt qabel ma kien xellef subajgh mal-Ligi u Qrati taghna stante li kien ghadu minuri, u certament, qatt ma jista' jinstab li huwa recediv fuq kaz in ezami.

Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti ordnat lill-appellant jhallas s-somma ta' 1908.48 ewro lil Joseph Farrugia taht il-provvediment tal-art. 28 H tal-Kap 9; jsegwi illi l-Ewwel Qorti skartat fatt ta' ammissjoni da parti l-parti lesa, fejn dan qatt ma ipproduca ircevuta sabiex jsostni bhala ammont cert tal-hsarat ikkagunati fuq il-BMW.[2] Dan l-aggravju huwa manifest u qatt ma setghet l-Ewwel Qorti tikkundanna lill-appellant

[1] A. L. 408 / 2007 amendat
[2] Vide fol. 4 [tieni imputazzjoni] sentenza appellate, fejn ikkonfermat ebda ircevuta ma giet prodotta minn Joseph Farrugia.

jhallas din is-somma, wisq izjed apparti bla ircevuta, effettivament, l-appellant kien hallas gia lil Farrugia s-somma ta' Lm1,150.[3]

Jsegwi l-ordni taht l-artikolu 28 H tal-Kap 9 ad favur socjeta assigurattrici Gasan Mamo Insurance Ltd: waqt il-mori tal-kawza appellata, deher Dr. Louis Bianchi bhala rappresentant ghas-socjeta Gasan Mamo. L-avukat Bianchi esebixxa diversi stimi hsarat ikkagunati mid-daqqa li garrbet vettura ipparkjata wara li tilef il-kontrol l-appellant waqt li qed isuq il-BMW.

B' kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, ordni ghar-risarciment permezz tal-artikolu 28 H tal-Kap 9, tista' tinghata meta u jekk il-hsarat ikunu gew ikkagunati volontarjament. Jsegwi li fis-sentenza moghtija, l-appellant gie illiberat mill-imputazzjoni ta' hsarat "volontarji", stante li dan kien sempliciment incident awtomobilistiku fejn minorenni ittenta kontra l-Ligi jsuq vettura bhala skop ta' joy riding. Bhala ration d' etre kieku kull min jitressaq l-Qorti akkuzat bi hsarat involontarji, s-socjeta' assikurattrici tkun risarcitata bla ebda htiega li issir da parti taghhom kawza civili kontra l-allegat persuna li kienet kawza tal-istess danni, kieku is-sitwazzjoni fil-Qrati taghna certament tkun hafna differenti kif wkoll l-htiega ghal assigurazzjoni jew il-koordinament bejniethom kif wkoll ic-Centru ghall-Arbitragg jkun ezawrit / i. Gasan Mamo suppost fethu proceduri civili kontra l-appellant u mhux strahu fuq l-proceduri penali kif fil-fatt ghamlet s-socjeta Gasan Mamo.

L-ahhar aggravju jikkoncerna, l-fedina penali tal-appellant: sal-gumata li sehhew l-allegati reati kif dedotti fl-akkuza mahruga mill-Pulizija, l-appellant kellu fedina penali netta.

Jsegwi illi l-Ewwel Qorti qabel ma tat s-sentenza appellata, ikkunsidrat fil-piena reati li sehhew snin wara li l-appellant saq vettura bhala joy

[3] Vide xhieda Stacey Chircop a fol. 95 tal-process

riding. Ghad li prassi bhal din izjed tintuza waqt gurijiet, fejn qabel tinghata sentenza wara li l-gurija taghti l-verdett taghha, mhux prassi illi fuq reat ta' joy riding kommess minn persuna minuri, b' kondotta netta dak iz-zmien li sehh reat mertu ta' l-appell odjern, sejbien ta' htija futuri jkunu fattur ewlieni ghal sentenza izjed harxa minn kif jipprovdi l-istess Ligi. Dan wara li ghaddew 11 il-sena minn meta sehh il-kaz odjern!
Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-imputat Luke Farrugia limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuqu ghar-reati li dwarhom hu gie misjub hati. Jishaq illi l-multa ta' 1000 ewro inflitta kienet dik il-piena mahsuba fl-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien meta giet deciza dina il-vertenza, liema piena kienet ferm inferjuri fiz-zmien li kien gie kommess ir-reat li dwaru instab hati fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Jikkontendi ukoll illi meta giet biex teroga il-piena fil-konfront tieghu l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox il-fatt illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat huwa kellu fedina penali nadifa u mhux biss izda hadet in konsiderazzjoni l-kundanni l-ohra li gew inflitti fuqu minn dawn il-qrati fiz-zmien meta il-proceduri kienu ghadhom pendenti fil-konfront tieghu u cioe' tul il-hdax-il sena li dam ghaddej dan il-process penali. Finalment jishaq illi lanqas setghet l-Ewwel Qorti tapplika id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali sabiex tikkundannah ghar-risarciment tad-danni minnu ikkagjonati billi dan japplika biss ghar-reati ta' natura volontarja.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti ser titratta l-ilmenti imqanqla mill-appellanti serjatim billi jolqtu mhux biss aspett wiehed tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li kienet tikkomprendi dik tal-multa, tal-prigunerija sospiza u kundanna ghal risarciment tad-danni.

Illi l-appellanti jilmenta b'mod ewlieni dwar l-imposizzjoni tal-multa ta' €1000 fil-konfront tieghu. Jikkontendi illi l-piena ghar-reat mahsub fl-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi il-piena tal-multa jew tal-prigunerija , b'dik tal-multa tkun bejn minimu ta' €116.47 sa

massimu ta' €232 u il-prigunerija dik ta' mhux izjed minn sitt xhur. Jishaq illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet emendata bis-sahha ta'l-Avviz Legali 408/2007 u cioe' sentejn wara li gie kommess ir-reat. Issa huwa minnu illi l-multa li timponi l-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik tal-multa kif indikata mill-appellanti, liema multa madanakollu baqghet mhux mittiefsa miz-zmien li gie kommess ir-reat sal-lum bl-uniku tibdil isehh kif ighid tajjeb l-appellanti permezz ta'l-Avviz Legali 408 tal-2007 fejn Malta kienet qallbet mill-munita tal-lira maltija ghal dik tal-ewro. Illi allura meta fl-2005 u cioe' fid-data ta'l-akkuza il-multa kienet dik ta' minimu ta' Lm50 sa massimu ta' Lm100, din giet konvertita fil-munita ewro mal-adozzjoni ta' Malta ta' din il-munita minn dik tal-lira maltija.

Issa ghalkemm l-appellanti iqies illi l-multa ta'l-€1000 giet inflitta fuqu in konnessjoni mas-sejbien ta' htija ghar-reat taht l-artikolu 61(1) tal-Kap.65, l-Ewwel Qorti imkien ma tghid dan fid-decizjoni impunjata. Illi l-akkuzi l-ohra li taghhom l-appellanti gie misjub hati u cioe' dawk ir-reati ukoll mahsuba fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellmu dwar is-sewqan traskurat u perikoluz ukoll igorru maghhom il-piena tal-multa flimkien jew alternattivament ghal dik tal-prigunerija. Illum in forza tal-emendi li dahhlu fis-sehh ghal Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta'l-Att XIV tal-2017, l-artikolu 15(1) jikkontempla il-piena tal-multa sa massimu ta' €1200, izda mhux hekk kien mahsub fiz-zmien meta gie kommess ir-reat u cioe' fis-sena 2005, bil-piena allura tkun dik tal-multa sa massimu ta' €232.94 jew mitt lira maltin jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur.

Illi finalment l-artikolu 328(c) tal-Kodici Kriminali jikkontempla ir-reat tal-hsara involontarja akkompanjat bl-offiza gravi. Illi ma jirrizultax illi fil-kaz taht il-lenti ta'l-Ewwel Qorti u issa ta' din il-Qorti sehhet l-offiza gravi fuq il-persuna kif tikkontempla dina d-disposizzjoni tal-ligi. Huwa minnu illi l-artikolu 328(c) jimponi il-piena tal-multa fil-massimu ta' €1164.69 jew dik tal-prigunerija sa massimu ta' tlett xhur, madanakollu billi kif inghad l-

appellanti ma ikkaguna l-ebda offiza fuq il-persuna kagun ta' dan is-sinistru stradali li kien involut fih kwindi l-Ewwel Qorti kellha tapplika il-piena mahsuba fl-artikolu 328(d) u cioe' il-piena tal-prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur, jew il-piena tal-multa jew alternattivament dik tal-kontravvenzjonijiet.

Mela huwa indubitat illi meta l-Ewwel Qorti giet biex tinfliggi il-piena tal-prigunerija ta' tlett xhur sospizi ghal sentejn flimkien ma' multa ta' €1000, din il-piena certament kienet wahda eccessiva tenut kont ukoll ta'l-applikazzjoni ta'l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 fil-konfront ta'l-appellanti billi huwa kien minorenni fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, id f'id mal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali. Illi allura meta din il-Qorti applikat dawn id-disposizzjonijiet ta' dritt penali li jitkellmu dwar il-piena li ghandha tigi ikkominata ghar-reati li dwarhom l-appellanti gie misjub hati, ghandu johrog illi l-Ewwel Qorti ma kelhiex ghalfejn tirrikorri ghall-imposizzjoni tal-multa oltre dik tal-prigunerija billi din kienet tkopri wahedha il-piena ghar-reati bl-inzul kif mahsub fl-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali u bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 17(b), billi l-appellanti kien qed jigi misjub hati ta' iktar minn reat wiehed li huma restrittivi tal-liberta'. Illi l-appellanti ghandu ragun ukoll meta jishaq illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex fil-motivazzjonijiet li wassluha ghal kalibrazzjoni tal-piena tqies kwalunkwe kundanna li l-appellanti irceva wara l-kummissjoni tar-reati marbuta ma' dan il-kaz. Mhux biss izda mill-atti jirrizulta illi dan il-kaz dam ghaddej hdax-il sena u allura dan it-trapass taz-zmien kellu ukoll jttiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Illi finalment l-appellanti isib oggezzjoni ukoll ghall-applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali fil-konfront tieghu u dan billi:

1. Fir-rigward tad-danni pagabbli lil Joseph Farrugia, jishaq illi ma hemm l-ebda ricevuta ta' hlas in atti izda biss stima. Di piu jishaq illi huwa kien diga ghaddielu s-somma ta' Lm1150.

2. Illi l-ordni maghmula a favur tas-socjeta assikuratrici Gasan Mamo Insurance plc ma hijiex mahsuba fil-ligi.
3. Illi l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali isib applikazzjoni biss ghar-reati ta' natura volontarja u mhux involontarja iktar u iktar meta il-vittma ikun gie ikkumpensat mill-assikurazzjoni tieghu.

Illi l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

***"Meta l-qorti tagħmel ordni ta' sentenza sospiża bis-saħħa tal-artikolu 28A(1), hija tista' tinkludi f'dak l-ordni <u>direttiva li tkun tobbliga lill-ħati li jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċetazzjoni jew akkwista bi frodi jew bi qliegħ ieħor kontra l-liġi</u>, bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru tkun ingħatat is-sentenza sospiża, jew li jħallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva bħala <u>kumpens għal dak it-telf kif imsemmi</u> jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat; u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel."***

Illi din il-Qorti tqies illi l-appellanti ghandu ragun billi fl-ewwel parti ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi jissemmew espressament ir-reati ta' natura volontarja li igibu maghhom necessarjament xi telf patrimonjali, biex b'hekk il-hati jigi ordnat jew jirrestitwixxi dak mehud minnu indebitament jew inkella li jaghti kumpens ghal hsara sofferta fil-kaz li tali restituzzjoni ma tkunx possibbli. Il-legislatur certament ma hasibx f'din id-disposizzjoni tal-ligi ghal dawk ir-reati ta' natura involontarja billi f'dan il-kaz ir-restituzzjoni ma tistax tigi ikkunsidrata. Mhux biss izda meta si tratta ta' incidenti stradali fejn allura l-vittma ikun diga' gie ikkumpensat mill-assikurazzjoni tieghu, (bhal kif sehh f'dan il-kaz fil-konfront ta' Marisa Vella) allura ma ikunx hemm lok ghal hlas ta' ebda kumpens u dan dejjem salv id-dritt spettanti lill-kumpanija assikuratrici surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni milhuq bejniethom illi ifittex lil

persuna li ikkagjonat id-danni quddiem il-qrati civili ghal kumpens. Illi l-artikolu 130 tal-*Powers of Criminal Courts (Sentencing) Act 2000* fil-ligi brittanika jeskludi il-hrug ta'l hekk imsejjha "*compensation order*" mill-qorti meta ikun hemm vigenti kuntratt ta'l-assikurazzjoni u dan fil-kazijiet fejn jkun hemm involuta hsara f'vetturi[4]. Illi l-Ewwel Qorti allura sabiex tikkumpensa il-vittmi ta' dan ir-reat kellha tapplika il-provvedimenti ta'l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali u mhux id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 28H, kif fil-fatt ghamlet.

Illi fi kwalunkwe kaz meta il-Qorti tohrog direttiva dwar hlas ta' danni, trid issir prova inkonfutabbli mill-prosekuzzjoni dwar d-danni subiti kuntrarjament ghal dak li sehh f'dan il-kaz fejn Joseph Farrugia fix-xhieda tieghu lanqas kien kapaci jiddikjara kemm fil-fatt hallas ghal hsarat kollha minnu subiti ghajr ghar-ricevuta esebita dwar l-*ispare parts* mixtrija ghal vettura tieghu, liema ricevuta tidher fuq isem Malcolm Farrugia/Premiere Car Hire, kif jikkonferma Dr. Reuben Balzan rappresentant ta' Muscat Motors, Marisa Vella giet ikkumpensata mill-assikurazzjoni taghha Gasan Mamo Insurance (li mhumiex il-vittmi ta' dan ir-reat) u Paul Micallef lanqas biss tressaq bhala xhud biex jikkonferma d-danni minnu subiti.

Fuq kollox kif deciz min din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu iservi ta' insenjament ghal kull direttiva ta' kumpens moghti f'sentenza ta' qorti:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li ordni ghal kumpens taht l-imsemmi Artikolu 28H (kif ukoll ordni ghal kumpens taht l-Artikolu 11(1) ta' l-Att dwar il-Probation talHatjin, Kap. 152) ghandu jsir biss meta l-quantum ikun car, jew meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-istess quantum:*

*In R. v. Vivian, 68 Cr.App.R. 53, the Court of Appeal stated that "no order for compensation should be made unless the sum claimed by way of*

[4] 130(6) A compensation order may only be made in respect of injury, loss or damage (other than loss suffered by a person's dependants in consequence of his death) which was due to an accident arising out of the presence of a motor vehicle on a road, if— (a) it is in respect of damage which is treated by subsection (5) above as resulting from an offence under the Theft Act 1968; or 1968 c. 60. (b) it is in respect of injury, loss or damage as respects which— (i) the offender is uninsured in relation to the use of the vehicle; and (ii) compensation is not payable under any arrangements to which the Secretary of State is a party

*compensation is either agreed or proved"…Although it is open to the court to hear evidence in order to determine questions as to the fact or the amount of loss, the Court of Appeal has discouraged criminal courts from embarking on complicated investigations. See R. v. Kneeshaw, 58 Cr.App.R. 439; Hyde v. Emery, 6 Cr.App.R.(S.) 206; R. v. Briscoe, 15 Cr.App.R.(S.) 699; and R. v. White [1996] 2 Cr. App.R.(S.) 58. 1*

*U Lord Justice Eveleigh, fil-kaz R. v. Donovan (1981) 3 Cr.App.R.(S.) 192 esprima ruhhu hekk: "A compensation order is designed for the simple, straightforward case where the amount of the compensation can be readily and easily ascertained.[5]"*

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tvarja il-piena inflitta billi tirrevokaha fejn l-appellanti gie ikkundannat ihallas multa ta' €1000 u tirrevokaha ukoll fejn gew applikati id-disposizzonijiet ta'l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali ghal hlas tad-danni favur Gasan Mamo Insurance Ltd, Marisa Vella, Joseph Farrugia u Paul Micallef u tikkonfermaha fil-bqija. Il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza jibda jidekorri mil-lum.

Edwina Grima

Imhallef

[5] Il-Pulizija vs Ayman Khalaf deciza 09/09/2002